MINUTI

KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

IS-SITT LEĠISLATURA

LAQGĦA B'URĠENZA

**Suġġett: Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

**9 ta' Ottubru, 2009**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-7.15 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku Silvio Izzi Savona u l-Kunsilliera Mario Ellul, Joseph D'Amato, Claudio Zammit, Raymond Grixti u Kenneth Farrugia.

SKUŻATI

Il-Kunsiller Dino Bonnici.

UFFIĊJAL PREŻENTI

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

MINUTI

Is- Sindku Silvio Izzi Savona ppresjeda.

Is-Sindku għamel referenza għall-intervisti li saru illum 9 ta' Ottubru, 2009 u qal li għall-bord ta' l-għażla kienu msejħa l-Kunsilliera kollha imma dawk preżenti kienu l-Kunsilliera Mario Ellul, Joseph D'Amato, Claudio Zammit, Raymond Grixti, Kenneth Farrugia u s-Sindku nnifsu.

L-appuntamenti għall-intervisti kienu mas-Sinjuri Noel Calleja, Michael Portelli, Joseph Cassar, Josianne Cilia Mumford u Tiziana Carannante.

Is-Sur Noel Calleja ma attendiex u ma nfurmax lill-Kunsill, filwaqt li Joseph Cassar informa lill-Kunsill li mhux ser jattendi għax sab xogħol ieħor.

Wara li saru l-intervisti mas-Sinjuri Michael Portelli, Josianne Cilia Mumford u Tiziana Carannante kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq jaħtar bħala Segretarju Eżekuttiv lil-Josianne Cilia Mumford fuq il-bażi ta' esperjenza twila fil-Kunsill Lokali bħala Segretarju Eżekuttiv fis-snin 1994-1998 u karigi oħra fil-Kunsill mis-sena 2000 lil hawn u ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv f'din l-aħħar sena. Dawk preżenti qablu li Josianne Cilia Mumford tat ir-riżultati mixtieqa li ried il-Kunsill anke f'ħinijiet barra mill-ħinijiet ta' l-uffiċċju.

Kien hemm qbil li Josianne Cilia Mumford taħdem il-probation tagħha u jekk għal xi raġuni ma tibqax tokkupa ta' Segretarju Eżekuttiv, din il-kariga terġa tieħu l-pożizzjoni tagħha ta' Assistant Principal Officer ma' l-istess Kunsill.

Is-Sindku għandu jinforma lid-Dipartiment u lis-Segretarju Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni Dr Chris Said, bid-deċiżjoni li ħa l-Kunsill.

**Ftuħ ta' l-Uffiċċju tal-Kunsill kull nhar ta' Sibt**

Il-Kunsillier Mario Ellul ressaq mozzjoni sabiex jiġi diskuss dan l-item fil-laqgħa tal-lum. Il-bqija tal-membri preżenti ssekondaw il-mozzjoni.

Wara l-Memos li rċieva l-Kunsill li tgħid li min-nhar is-Sibt 17 ta' Ottubru, 2009, kull Kunsill għandu jiftaħ għall-pubbliku bejn it-8 u l-11.30 ta' filgħodu ġew ivverifikati ċertu punti fejn jirrigwardja l-impjegati li għandu bħalissa l-Kunsill.

Ġie vverifikat li l-Kunsill Lokali taż-Żurrieq għandu dritt li jinforma lill-impjegata part time s-Sinjura Mary Aquilina biex tidħol is-Sibt u ma titħallasx la overtime u lanqas tieħu time in lieu. Fuq din il-kjarifika kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinfora lis-Sinjura Mary Aquilina biex tidħol kull nhar ta' Sibt sakemm tiġi impjegat/a skrivan/a oħra u tingħata l-għażla li jew taħdem 28.5 siegħat u titħallas tagħhom jew li taqsam 25 siegħa fuq sitt ijiem li tinkludi li s-Sibt taħdem bejn it-8 u 11.30 ta' filgħodu.

Wara li tiġi mpjegat/a skrivan/a oħra l-ftuħ tas-Sibt jista jiġi alternat bejn iż-żewġ skrivani.

Kien hemm qbil li tinħareġ sejħa għall- xogħol ta' skrivan/a full time. Il-proċess għandu jibda mmedjatament.

**Xoghol fi Triq San Luqa**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill illi ċertu Carmel Busuttil ser jiżviluppa propjeta' tiegħu li tinsab biswit in-niċċa tal-Madonna tal-Karmnu, fi Triq San Luqa. Dan l-individwu talab illi l-art ta' madwar il-propjeta' tiegħu jagħmilha hu, a spejjez tieghu, bil-materjal imprint bħall-bqija ta' Triq San Luqa. Il-Kunsill ma sab ebda oġġezzjoni.

**Xogħlijiet fi Triq San Bartilmew**

Il-Kunsillier Joseph D'Amato ressaq mozzjoni sabiex jiġi diskuss dan l-item fil-laqgha tal-lum. Il-bqija tal-membri preżenti ssekondaw din il-mozzjoni.

Il-Kunsillier D'Amato informa lill-Kunsill li x-xogħol ta' wiċċ ġdid lil parti minn Triq San Bartilmew inbeda mill-kuntrattur u li l-Kunsill irid jiddeċiedi x'tip ta' għatu ħa jsir għall-bokka tax-xelter fil-post fejn qed isiru x-xogħlijiet. Kien hemm qbil illi l-għatu jigi 'flush' ma' l-art, u dan sabiex ma tinħoloqx tumbata, u illi pero' qabel jintgħażel il-materjal tittieħed l-opinjoni tal-perit tal-Kunsill.

**Pulizija li għamel att erojku**

Il-Kunsillier Raymond Grixti qal li hemm bżonn li l-Kunsill jagħti rikonoxximent lill-Pulizija li għamel att erojku fi Vjal ix-Xarolla xi ftit tal-ġranet ilu. Kien hemm qbil fuq dan.

Din il-laqgħa spiċċat fit-7.45 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Ottubru, 2009

| | |
|---|---|
| Silvio Izzi Savona | Josianne Cilia Mumford |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |